# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Inna Valentina Said u Publius sive Leo Said**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti;

**Sentenza Preliminari wara eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali:**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Inna Said karta tal-identita' 133915 L u ta' Publius sive Leo Said, karta tal-identita' numru 279449M tat-12 t'Ottubru, 2020 li bih, wara li ppremettew illi fis-seduta tat-30 ta' Settembru, 2020 l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet ddecidiet illi 1) tordna l-isfilz tad-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti man-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li jinsab a fol. 172 sa 251 tal-process; 2) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-allegazzjonijiet kontra Wilhelmina Schembri li dawn kien jifformaw il-mertu ta' proceduri ohra fl-ismijiet Publius sive Leo said et vs Kummissarju tal-Pulizija decizi llum stess minn din il-Qorti, kif preseduta; u 3) Tiddikjara li l-allegazzjonijiet fil-kwereli tar-rikorrenti kontra Charmaine Catania, Massimo Bonello,

Maria Pisani u rapprezentanti ohra ta' Motor Insurance Pool ma gewx ippruvati fuq bazi *prima* facie, u konsegwentement il-Qorti qed tichad it-tieni talba taghhom f'dawn il-proceduri, u wara li ddikjaraw illi hassewhom aggravati minn tali sentenza, u wara li elenkaw b'mod estensiv l-aggravji taghhom ghamlu s-segwenti talba:

"*Ghaldaqstant, peress li l-Esponenti Appellanti Inna Said (K.I. Numru 133915 L) u Publius sive Leo Said (K.I. Numru 279449 M) huma biss obbligati skont il-Ligi jaghtu l-PRIMA FACIE evidenza taghhom li l-istess Sinjura Charmaine Catania kkommettiet spergur, u dejjem wara li Dina l-istess Onorabbli Qorti tezamina u tgharbel iz-zewg xhidiet Principali li tat l-istess Sinjura Charmaine Catania quddiem Dawna l-istess Onorabbli Qrati ta' l-Appell, ossija dawk li;*

1) *Kienet tat l-istess Sinjura Charmaine Catania fit-2 ta' Dicembru 2008 quddiem wiehed mill-Agenti ta' l-istess Kummissarju tal-Pulizija; w li*

2) *Kienet tat l-istess Sinjura Charmaine Catania dejjem taht gurament fil-11 ta' Novembru 2011 quddiem l-istess Onrabbli Qorti tal-Magistrati, ossia quddiem l-istess Onorevoli Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.*

*Din l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell hija mistiedna tiddeciedi li l-istess Kummissarju tal-Pulizija intimat naqas mid-doveri tieghu, ghax hemm kaz PRIMA FACIE li l-istess Sinjura Charmaine Catania ikkommettiet spergur, ossija li l-istess grad ta' prova, cioe', li l-istess Onroabbli Qorti ta' l-Appell hija mistennija li tiddeciedi ssib li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-istess Sinjura Charmaine Catania titqieghed taht att ta' l-akkuza*";

Rat l-ordni taghha tat-13 t'Ottubru 2020 li bih ordnat li l-appell jkun appuntat ghas-smiegh ghall-udjenza tal-15 t'Ottubru, 2020 fl-10.45am;

Rat d-digriet taghha tal-10 ta' Novembru, li bih ordnat li s-smiegh tal-appell isehh fis-16 ta' Novembru, 2020 fil-11.00am;

Semghet l-eccezzjoni preliminari mqanqla mill-Avukat Generali fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2020 li tghid hekk:

> "*L-Avukat Generali jecepixxi n-nullita tar-rikors tal-appell stante illi fit-termini tal-Artikolu 541(3) tal-Kodici Kirminali r-rikors kellu jkun intavolat quddiem il-Qorti Kriminali u mhux quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali*";

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-atti odjerni originaw minn rikors ta' Inna Valentina Said u l-konjugi Publius sive Leo Said tal-25 t'Ottubru, 2017 intavolat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'talba sabiex dik il-Qorti "*tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat minnha, jiehu l-passi legali opportuni kontra l-fuq imsemmija kwerelata, prevja kwalunkwe ordni ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni a tenur ta' l-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*";

2. Illi l-Qorti tal-Magistrati ikkonkludiet l-indagini taghha bid-decizzjoni riportata *supra* li biha cahdet it-talba tar-rikorrenti, igifieri l-appellanti odjerni;

3. Illi t-talba maghmula mir-rikorrenti fir-rikors taghhom lil-Qorti tal-Magistrati lura fis-sena 2017, komunement mgharufa bhala *Challenge* saret fit-termini tal-artikolu 541 (1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:

> Jekk fil-kazijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Ezekuttiva, din ma tkunx trid tagixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun ghamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Magistrati li jigi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proceduri mehtiega; u jekk il-qorti, wara li, meta jinhtieg, tisma' l-provi li jgib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela, ghandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-registratur, lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-ordni li taghti ghaldaqshekk:

4. Dan l-artikolu jipprovdi ukoll ghall-possibilita' ta' revizzjoni tad-decizzjoni raggunta mill-Qorti tal-Magistrati billi jaghti lok ta' appell lil kull parti sokkombenti. Infatti is-subartikolu (3) tal-artikolu 541 jiddisponi is-segwenti f'dan ir-rigward:

> Kull decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li tippermetti, ghall kollox jew biss f'parti, rikors taht is-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lill-Avukat Generali, flimkien mal-atti tal-kawza, fi zmien jumejn tax-xoghol mid-data tad-decizzjoni u l-Avukat Generali jista' fi zmien sebat ijiet tax-xoghol minn notifika jaghmel <u>rikors fil-Qorti Kriminali </u>ghat-thassir jew bdil tad-

**decizjoni. Ir-rikorrenti jista' wkoll jaghmel rikors bhal dak fil-Qorti Kriminali fi zmien sebat ijiem tax-xoghol mid-data tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li biha ma jkunx intlaqa' r-rikors, sew ghal kollox sew biss f'parti minnu. Rikors fil-Qorti Kriminali taht dan is-subartikolu ghandu jkollu effett ta' waqfien ta' esekuzzjoni tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati.** [sottolinear ta' din il-Qorti].

5. Issa, r-rikors odjern kien intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u mhux quddiem il-Qorti Kriminali kif jiddisponi is-subartikolu (3) tal-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. .

6. Huwa minnu illi l-artikolu 413 tal-Kodici Kriminali flimkien mal-artikolu 418 jiddisponu b'mod generali illi l-appelli mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jinstemghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali izda f'diversi parti tal-Kodici Kriminali kif ukoll f'ligiijiet ohra hemm disposizzjonijiet specjali li jridu li revizzjoni ssir minn qorti ohra bhal f'dan il-kaz. Per ezemplari ssir referenza ghall-artikolu 546(4B) tal-Kodici Kriminali oltre dak in kwistjoni. Kwistjoni ta' natura konsimili hi wahda ta' indoli ta' ordni pubbliku u ma tistax tkun mghawwga jew addattata biex tirmedja sitwazzjoni li altrimenti tkun minnha nnifisha nulla;

7. La darba l-legislatur ghazel illi appelli minn decizzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati dwar mertu li joriginaw mill-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali ghandhom ikunu intavolati quddiem il-Qorti Kriminali, ma tistax din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appelli Kriminali, tuzurpa l-kompetenza moghtija lill-Qorti jew Qrati ghall-ebda raguni wisq anqas ghaliex ir-rikorrenti ghazel li jipprezenta r-rikors tieghu quddiem din il-Qorti;

8. Illi għalhekk l-Avukat Generali għandu raġun fl-eċċezzjoni tiegħu u konsegwentement ir-rikors tal-appell ta' Inna u Publius *sive* Leo konjuġi Said qed ikun dikjarat irritu, null u konsegwentement bla effett. Għalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.